MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Numru. 192/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Omissis 3**
**Omissis 1**
**Omissis 2**

**Fil-konfront ta' Omissis 3**

**Illum, 3 ta' Mejju 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra

*Omissis 3*

u

*Omissis 1*;

u

*Omissis 2*

Akkuzati talli nhar it-12 ta' Jannar 2009, bejn nofs il-lejl u it-3:00 ta' fil-ghodu minn gewwa ir-residenza bin-numru 10, Triq il-Ponta, Isla ikkommettew serq ta' diversi affarijiet liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix 2,329.37 Euro (elfejn, tlitt mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmu), bil-lok, bil-mezz u bil-hin ghad dannu ta' Terence Lofreda u Leandro Lofreda

Lill *Omissis 3* wahdu  akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' zewg sentenzi sospizi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Vella LLD datata 29 ta' Lulju 2008 u Magistrat Dr. Laurence Quintano LLD datata 22 ta' Ottubru 2007 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu:

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar ricediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Antonio Vella LL.D, datata 29 ta' Lulju 2008,u Magistrat Dr. Laurence Quintano LLD datata 22 ta' Ottubru 2007 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Vella LLD datata 29 ta' Lulju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-imputati *Omissis 1* u *Omissis 2* bhala  ricedivi billi kisru il-provedimenti ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D, fejn gew illiberati bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Rat l-artikoli 28A, 28B, 37, 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 11 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali.

Semghet lill-ufficjal tal-probation John Testa u lil Jean Cali in rapprezentanza ta’l-Agenzija Caritas ai fini ta’ piena.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonjiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatti x’jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi l-imputat *Omissis 3* kellu sittax il-sena meta ikkommetta dawn ir-reati li taghhom qed tinstab hati. Dak in-nhar huwa kien diga gie misjub hati hames drabi ohra ta’ diversi reati. L-ewwel reati ikkommettiehom meta kellu tlettax il-sena; ir-reati li huwa kkommetta kienu varji u jirreferu ghal pussess ta’ droga, sekwestru ta’ persuna flimkien ma’ serq aggravat u pussess ta’ strument li jaqta u bil-ponta, sewqan ta’ vettura minghajr licenzja, attakk u rezistenza flimkien ma griehi fuq pulizija, kif ukoll hebb fuq gwardjan tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin. Il-Qorti trattat ma’ *Omissis 3* b’diversi mghodi fil-hafna tentattivi li tghinu u taghtih l-opportunita li jirriforma ruhu; huwa nghata canfira u twiddieba, liberta kondizzjonata, probation, sentenza sospieza u anke inghata perjodu qasir ta’

prigunerija; huwa kien gie wkoll ordnat jaghmel servizz fil-komunita.

Illi kif gustament osserva l-ufficjal prosekutur Omissis 3 ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu waqt l-udjenza mizmuma fis-16 ta' Frar 2009 cioe aktar minn sena ilu. Il-Qorti m'ghaddietx ghas-sentenza dak in-nhar biex tisma' provi dwar il-piena u, tenut kont ta'l-imputazzjonijet in kwistjoni u l-konsegwenzi taghhom ghal dak li jirrigwarda l-piena li setghet tinghata, biex taghti zmien lill-imputat biex juri li huwa kien lest jaghmel il-parti tieghu biex jirriforma ruhu.

Illi sfortunatament dan l-imputat m'ghamlux. Ezami ta' l-atti juri bic-car li l-imputat ghadu ma tghallem assolutament xejn u ghadu jahseb li jista' jaghmel li jrid u li l-awtoritajiet kompetenti u l-Ligijiet u r-regoli jista' jinjorahom. Dan jirrizulta mhux biss mill-passat tieghu u l-attitudni li ha fir-rigward tas-sentenzi u l-opportunitajiet li nghataw fil-konfront tieghu tul is-snin imma anke, u b'mod lampanti, mill-agir tieghu tul din l-ahhar sena u nofs sa kemm damet pendenti din il-kawza. L-imputat kien konsapevoli li dan il-perjodu kien wiehed "ta' prova" u li l-Qorti kienet qed taghtih l-opportunita li juri li huwa verament jixtieq jirriforma u jaqbad it-triq tar-riabilitazzjoni. Minkejja din il-konsapevolezza l-imputat baqa jwebbes rasu. Jidher car mill-atti li l-imputat kien jipprometti hafna affarijiet f'kull udjenza, fil-mori tad-differiment kien forsi jaghmel xi pass fid-direzzjoni it-tajba pero immedjatament wara jerga ghat-triq ta' qabel.

Illi fis-sottomissjonijet taghha d-difieza ghamelt referenza ghat-trobbija difficli li kellu l-imputat u l-konsegwenzi li dawn id-diffikoltajiet kellhom fuq l-izvilupp tal-karattru u l-personalita tieghu. Il-Qorti tapprezza li l-imputat kellu tfulija difficli u kien propju dan l-apprezzament li wassalha tul is-snin li tiehu l-provvedimenti kollha li hadet u li toffrillu l-ghajnuna kollha disponibbli ghaliha.

Illi pero l-fatti juru li l-mizuri kollha li hadet il-Qorti tul iz-zmien fil-konfront ta'l-imputat ma hallew l-ebda effett pozittiv. Hu baqa juri li l-istess dizrispett mhux biss lejn

persuni f'l-awtorita imma anke ghar-regoli u ligijiet li hu, minkejja li minorenni, bhal kull persuna ohra huwa obbligat li josserva. Il-Qorti tapprezza wkoll li l-imputat ricentement rega ghamel kuntatt ma'l-agenzija caritas biex jerga jibda il-porgramm, tapprezza ukoll li l-assessment necessarju biex huwa jidhol il-programm ma sarx mhux interament htija tieghu. Pero il-Qorti lanqas ma tista tinjora l-fatt li fil-perjodu meta huwa suppost qed jaghmel l-almu tieghu biex jerga jigi ammess il-programm beda jiehu l-erojina. Dan huwa fatt li ghall-Qorti huwa ferm preokkupanuti ghaliex il-problema b'l-abbuz tad-droga li ghandu l-imputat qed taggrava ruhha b'mod allarmanti.

Illi din il-Qorti thoss li huwa necessarju li terga' taghmel xi osservazzjonijiet li diga kellha opportunita taghmel f'sede ohra. Il-Ligijiet qeghdin hemm biex jigu osservati minn kulhadd, maggorenni u minorenni; u l-minorenni ukoll iridu jirrispondu ghall-agir taghhom ghalkemm il-Ligi tipprovdi ghal tnaqqis fil-piena  fil-konfornt tal-minorenni propju minhabba l-eta taghhom.

Illi ta' min wiehed jirrileva ukoll li l-Qorti hija limitata fil-mizuri li tista' tiehu fil-konfront ta' persuna misjuba hatja partikolarment meta minorenni. Kif diga ntqal il-Ligi trid tigi osservata minn kulhadd, mill-Qrati ukoll, b'mod li din il-Qorti hija obbligata timponi il-piena preskritta ghar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u dawn il-pieni jridu jigu applikati bil-mod kif inhu preskritt mill-Ligi.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami l-Qorti m'ghanhda l-ebda ghazla hlif li timponi piena karcerarja ghar-reati li taghhom qed jinstab hati fil-proceduri odjerni u li ddahhal fis-sehh is-sentenza sospieza li nghatat fil-konfront tieghu fit-22 ta' Ottubru 2007 u li titratta mieghu ghar-reati li taghhom instab hati fid-29 ta' Lulju 2008 u li ghalihom tpogga taht ordni ta' kommunita fis-servizz.

Illi in konkluzzjoni l-Qorti ser terga tiribadixxi l-konsapevolezza taghha li l-Facilita Korretiva ta' Kordin mhux il-post ideali fejn minorenni ghandhom jiskontaw piena ta' detenzjoni. Pero l-Ligi taghna tipprovdi biss ghall-piena karcerja (prigunerija jew detenzjoni) fil-habs; u

ma tipprovdi ghall-ebda forma ohra ta’ detenzjoni li tista’ tkun aktar idonea u mahsuba propju ghal minorenni fejn l-emfasi tkun l-edukazzjoni u r-riabilitazzjoni taghhom. Kif diga ntqal dan il-Qorti hija marbuta bil-Ligijiet vigenti u huma dawn il-Ligijiet li hija trid tapplika bir-rizultat li meta kull mizura ohra disponibbli ghaliha tfalli l-Qorti tista’ biss timponi piena li bil-fors ghandha twassal ghal inkarcerazzjoni fil-Facilita Korrettiva ta’Kordin.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 37, 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 11 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Omissis 3 hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija. In oltre l-Qorti, fil-waqt li tirreferi ghas-sentenza datata 22 ta’ Ottubru 2007 (u ghas-sentenza tad-29 ta’ Lulju 2008 li premezz taghha il-perjodu operattiv gie estiez ghal erba snin minn dik id-data), b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 qed iddahhal fis-sehh il-perjodu ta’ hmistax (15) il-xahar prigunerija imposti permezz ta’ dik is-sentenza. In konkluzzjoni l-Qorti qed titratta ma’l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati permezz taa’ sentenza tad-29 ta’ Lulju 2008 u li ghalihom tpogga taht ordni ta’ kommunita fis-servizz daqs li kieku ghadu kemm gie ddikjarat hati u taghhom tikkundannah xahrejn (2) prigunerija.

Il-Qorti, peress li l-imputat huwa minorenni, tordna li ismu ma jixxandar f’l-ebda mezz ta’ stampa u /jew kommunikazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------